# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 25 ta' Ġunju, 2019.**

**Numru 20**

**Rikors numru 323/12MCH**

**Dione Bartolo**

**v.**

**Direttur Ġenerali Tat-Taxxi Nterni u l-Kummissarju tat-Taxxi**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mir-rikorrent minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Jannar, 2014, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari u sabet li l-intimat appellat Kummissarju tat-Taxxi ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi, filwaqt li laqgħet l-eċċezzjonijiet l-oħrajn tal-intimat appellat l-ieħor u ċaħdet it-talbiet attriċi;

2. L-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha billi għamlet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "*F'din il-kawza l-attur qed jipprova jattakka ittra ufficjali ezekuttiva datata 17 ta' Frar 2012 mibghuta mit-Taxxi Nterni riferibbilment ghal ammonti dovuti mill-attur tas-snin 2003, u mill-2006 sal-2010.*
>
> *"L-attur qed jallega illi l-ittra ufficjali msemmija intiza skond l-artikolu 40 tal-Kap. 372 biex tirrendi t-titolu tad-Direttur Generali tat-Taxxi Nterni wiehed ezegwibbli ma taghmel ebda stat fil-konfront tieghu peress illi qatt ma gie notifikat bid-demand notice li jrendi t-talba tad-Direttur titolu ezekuttiv liema demand notice giet annessa mal-ittra ufficjali. Dan irendi l-ittra ufficjali nulla fil-konfront tal-attur u ma hu dovut ebda hlas ghas-snin mitluba mid-Direttur Generali tat-Taxxi Nterni, billi sallum ma ghandux titolu fuqhiex jezegwixxi.*
>
> *"L-attur qed jikkontendi in oltre illi kwantu ghal dak li jista' jkun dovut ghas-sena ta' stima 2003, dan hu preskritt ghax skond l-artikolu 47(2) tal-Kap. 372 id-dipartiment ma ghamel ebda azzjoni ghal hlas entro tmien snin mid-data li kienu dovuti u dan peress li qatt ma gie notifikat bid-demand notice kif mitlub bil-ligi.*
>
> *"L-attur ghamel ukoll pretensjonijiet ta' natura kostituzzjonali fil-konfront tad-Direttur ghal lezjoni ta' drittijiet fundamentali tieghu li pero thallew impregudikati u barra minn din l-azzjoni b'verbal tad-difensur tal-attur tal-24 ta' Mejju 2012. Il-Qorti ghalhekk mhux ser tezamina ebda lment ta' natura kostituzjonali izda ser tillimita ruhha biss ghall-aspetti civili tal-azzjoni.*
>
> ***"Eccezzjoni ta' legittimu kontradittur***
>
> *"Il-Kummissarju tat-Taxxi Nterni qed jikkontendi li mhux legittimu kontradittur billi hu d-Direttur Generali (Taxxi Nterni) li ghandu r-rapprezentanza guridika fi kwistjonijet ta' taxxa. Gie esebit Government Notice 398 fil-Gazzetta tal-Gvern tat-30 ta' Marzu 2012 li jispecifika precizament dak li qed jigi sostnut b'din l-eccezzjoni u jisthoqqilha tigi milqugha. Jinghad pero ghal precizjoni illi l-kawza saret qabel din il-Government Notice.*
>
> ***"Mertu***
>
> *"L-azzjoni attrici tista' tghid hi bazata esklussivament fuq l-artikolu 44(1)(b) tal-Kap. 372 li jirreferi ghal hlas ta' taxxa dovuta li ma ssirx mit-taxpayer fiz-zmien stipulat mill-ligi. F'dan il-kaz id-dipartiment jista jibghat avviz ghal hlas u jekk dan il-hlas ma jsirx fi zmien hmistax mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz, dan it-titolu*

*ta' hlas li hu wiehed ezekuttiv (billi hawn si tratta ta' taxxa dovuta, mhix dik li ghadha in kontestazzjoni) issir ezegwibbli jumejn wara n-notifika b'ittra ufficjali ghal hlas.*

*"L-attur qed jallega li din id-demand notice datata 12 ta' Dicembru 2011 ma gietx notifikata lilu u kwindi d-dipartiment ma setghax jmexxi biex jirrendi titolu ezegwibbli bla ma rrenda t-titolu ezekuttiv. Din hi t-talba u fil-fatt it-tlett talbiet ta' natura civili maghmula huma marbuta esklussivament ma' dan l-allegat nuqqas, u l-konsegwenzi li johorgu.*

*"L-attur, in sostenn ta' dak li jallega fl-affidavit tieghu jghid li hu rceva biss l-ittra ufficjali tas-17 ta' Frar 2012 bl-avviz tal-hlas mehmuz maghha, izda l-avviz per se li jgib id-data tat-12 ta' Dicembru 2011 qatt ma rcevih. Hu jzid illi fil-fatt id-demand notice annessa mal-ittra ufficjali tindika l-indirizz bla ma ssemmi l-belt u rahal ghalkemm hemm il-post code. Fil-kontroezami li sarlu, l-attur qal li ma kienx qed jaghraf id-dokumenti esebiti fil-process pero kkonferma li hu ffirma s-self assessments u aggustamenti ghalkemm kien ihalli f'idejn l-accountant tieghu biex jaghmillu l-affarijiet.*

*"L-artikolu rilevanti dwar notifika ta' avvizi tad-dipartiment hu l-artikolu 29(1) tal-Kap. 372 illi jghid li avviz ghandu jigi notifikat lit-taxpayer personalment jew bil-posta fir-residenza tieghu jew post ta' negozju u jitqies notifikat, sakemm ma ssirx prova kuntrarja, f'kaz ta' persuni residenti Malta, gheluq tlett ijiem mid-data li fiha tkun giet impustata. Hu sufficjenti ghal prova tan-notifika li jigi ppruvat li l-ittra giet indirizzata sew u impustata.*

*"L-artikolu tal-ligi jaghti prezunzjoni legali jekk id-direttur jipprova l-estremi rikjesti mill-artikolu 29(1) li t-taxpayer irceva l-avviz, hu x'inhu l-avviz, billi l-ligi ma tispecifikax oltre. Sta ghat-taxpayer li jipprova l-kuntrarju. Din hi kwistjoni ta' apprezzament ta' prova li l-Qorti ser tikkunsidra mill-provi prodotti.*

*"Id-Direttur Generali gab bhala prova d-demand notice mibghut lit-taxpayer Dok. DGT1 a fol. 12 tal-process li juri l-indirizz shih inkluz il-belt cioe 'Mellieha' datat 12 ta' Dicembru 2011. Ix-xhud tad-dipartiment Noel Mangion xehed illi darba li tintbaghat ittra, id-dipartiment jiccekkja biss jekk l-ittra tigix lura fid-dipartiment u dan permezz ta' barcode li jidher fl-istess ittra. Hu xehed li jekk ghal xi raguni l-ittra tigi ritornata ghax mhix notifikata, id-dipartiment ikun jaf biha permezz tal-barcode, liema barcode jaqra fih id-data tal-ittra, it-tip ta' ittra u reference number taghha. Hu kkonferma li l-ittra intbaghtet u ma gietx ritornata lid-dipartiment. Din ix-xiehda u l-ittra li fiha d-dettalji ezatti tat-taxpayer bl-indirizz indikat b'mod car tissodisfa l-vot tal-ligi u tikkreja l-prezunzjoni li t-taxpayer irceviha.*

*"Sta ghat-taxpayer li jgib prova kuntrarja li taghtih il-prezunzjoni bil-ligi. F'dan il-kaz l-attur esebixxa kopja ta' demand notice li rceva mal-ittra ufficjali u qed jistrieh fuq il-fatt li dan l-avviz ghandu nieqes l-isem tal-belt. Pero din il-Qorti mhix konvinta li dan jeghleb il-prezunjoni tal-ligi. Fl-ewwel lok l-avviz esebit mid-dipartiment juri d-dettalji cari u kompluti tat-taxpayer. In oltre anki jekk ghal grazzja tal-argument jinghad li l-avviz kien identiku ghal dak li rceva t-taxpayer mal-ittra ufficjali, l-indirizz kontenenti l-post code hu indikattiv b'mod inekwivokabbli ghal belt tal-Mellieha u din il-Qorti ma ghandhiex raguni tiddubita mix-xhieda tar-rapprezentant tad-dipartiment li l-avviz li ntbaghat fit-12 ta' Dicembru 2011 fil-fatt ma giex ritornat lid-dipartiment.*

*"Ghalkemm id-dipartiment esebixxa ittra ufficjali datata 3 ta' Dicembru 2008 (fol. 80 tal-process) biex jiggustifika illi kienet gia saret talba ghal hlas ghas-snin 2003, 2006 u 2007 u ghalhekk l-attur ma ghandux ragun f'dak li qed isostni, pero ghalkemm giet esebita statement ta' dak dovut u li fiha hemm indikat li dan jikkostitwixxi demand notice ghax mhux tax statement, id-Direttur Generali ma ressaqx prova valida ta' notifika tad-demand notice li trid tipprecedi l-ittra ufficjali stante li t-titolu ezekuttiv jinsorgi mid-demand notice u l-ittra ufficjali ma ssegwix jekk ma tkunx giet notifikata d-demand notice u ssir il-prova skond il-ligi tan-notifika kif jispecifika l-artikolu 29 tal-Kap. 372.*

*"Ir-rapprezentant tad-Direttur ma xehedx dwar l-ittra ufficjali tat-3 ta' Dicembru 2008 u aktar minn hekk l-istatement of account ghas-snin 2003, 2006 u 2007 jindikaw indirizz tat-taxpayer differenti minn dak li ghandu l-attur ghalkemm fuq l-istess tax statement l-indirizz gie aggustat bil-linka. Pero ma ngiebet ebda prova mid-Direttur Generali tan-notifika ta' dawn l-istatements fl-indirizz gust liema prova tispetta l-ewwel lilu skond il-ligi.*

*"Ghalhekk il-Qorti ma tqis li ngiebet prova cara skond l-artikolu 29 li l-attur gie notifikat bl-istatements mahruga fil-11 ta' Novembru 2008 li pprecedew l-ittra ufficjali tat-3 ta' Dicembru 2008 u ghalhekk din il-prova mhix attendibbli.*

*"Ix-xhieda in kontroezami tal-attur pero ma hix tali li teghleb il-prezunzjoni kkrejata mill-provi tad-dipartiment in kwantu li n-notifika tad-demand notice tat-12 ta' Dicembru 2012 li ppreceda l-ittra ufficjali ta' Frar 2012. L-attur deher li mhux qed jaghraf id-dokumenti li kienu qed jigu murija lilu mill-atti waqt il-kontroezami. In fatti lanqas deher li jifhem id-differenza bejn assessment, demand notice u ittra ufficjali ghal hlas.*

*"Il-Qorti ma tistax tinjora dak li trid il-ligi espressament minghajr ma jkun hemm prova konkreta u soda li tikkonvinci lil Qorti illi fil-fatt saret prova cara u rrikonciljabbli mal-prezunzjoni tal-ligi.*

*"Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-attur ma ppruvax li hu ma rceviex l-avviz ta' hlas datat 12 ta' Dicembru 2011, liema talba kienet cara fis-sustanza u kontenut taghha. Billi ma rrizultax li l-attur ha xi passi biex jattakka l-ammonti dikjarati dovuti mid-dipartiment, li del resto kienu bbazati fuq is-self assessment u adjustments tal-istess taxpayer, l-ittra ufficjali li saret lill-attur in konsegwenza tad-demand notice kient valida u skond il-ligi u mhux attakkabli ghar-raguni indikata mit-taxpayer.*

*"Billi l-avviz ghal hlas sar fit-12 ta' Dicembru 2011, allura ma jistax jinghad kif allegat fil-premessi tal-attur illi l-ammont dovut ghas-sena 2003 hu preskritt billi l-azzjoni ghal hlas sar entro t-terminu ta' tmien snin mindu l-ammont ta' taxxa hu dovut, skond l-artikolu 47(2) tal-Kap. 372."*;

3. Ir-rikorrent (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellant") appella mill-imsemmija sentenza (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza attakkata") b'Rikors imressaq fit-28 ta' Jannar, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti jogħġobha "tirriforma s-sentenza tad-9 ta' Jannar 2014 fejn iddeċidiet illi l-Kummissarju tat-Taxxi Interni mhux leġittimu kontradittur, astjeniet milli tieħu konjizzjoni tar-raba' talba u ċaħdet it-talbiet l-oħra kollha billi mhux pruvati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjeż għall-attur u dan billi tiġi miċħuda l-eċċezzjoni ta' leġittimu kontradittur tal-intimat appellat, tilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba u konsegwentement tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat appellat";

4. Għal dan l-appell l-intimati (minn issa 'l hemm imsejħin "l-appellati") wieġbu billi qalu li s-sentenza appellata hija tajba u jistħoqqilha tkun konfermata filwaqt li l-appell imressaq minnha jkun miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellant;

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

6. Rat l-atti kollha tal-kawża;

7. Rat li l-appell tħalla għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

8. Illi b'din l-azzjoni l-appellant irid li l-Qorti ssib li l-pretensjonijiet dwar ħlas ta' taxxa tad-dħul jew taxxa provviżorja li d-Dipartiment tat-Taxxi Interni għandu kontrih waqgħet bil-preskrizzjoni tat-tmien snin għaliex l-appellati naqsu li jintimawh biex iħallas it-taxxa hekk pretiża fiż-żmien li tagħti l-liġi. Huwa jgħid li, minkejja li fi Frar tal-2012 huwa laqa' n-notifika ta' ittra uffiċjali li magħha kien hemm mehmuża kopja ta' avviż ta' talba għall-ħlas ("*Demand Notice*"), qatt qabel ma kienet waslitlu xi talba oħra dwar xi ħlas ta' taxxa dovut dwar uħud mis-snin ta' stima li għalihom kien jirreferi l-imsemmi avviż. Għalhekk, jgħid li kull pretensjoni ta' ħlas ta' taxxa kontrih dwar dawk is-snin waqgħet u l-appellati ma jistgħux aktar jitolbuh iħallas dik it-taxxa, u li t-titolu eżekuttiv li l-appellati jinvokaw favurihom ma jeżistix u huwa abbużiv;

9. Illi bl-**aggravji** tiegħu l-appellant jilminta mid-deċiżjoni fis-sentenza appellata fejn il-Kummissarju intimat appellat tqies li ma kienx il-persuna leġittima tal-azzjoni attriċi, u dan għaliex jgħid li meta nfetħet il-kawża l-Avviż Legali[1] li, bis-saħħa tiegħu, il-ġbir ta' taxxa sar jaqa' fis-setgħat td-Direttur Ġenerali intimat ma kienx għadu daħal fis-seħħ u għaliex l-ittra uffiċjali li nħarġet biex tirrendi eżekuttiv l-avviż ta' talba għall-ħlas inħarġet sewwasew mill-imsemmi Kummissarju. Fit-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jisħaq li ladarba huwa ma kien qatt qabel (l-ittra uffiċjali tas-17 ta' Frar, 2012) laqa' n-notifika tal-avviż ta' talba għall-ħlas tat-12 ta' Diċembru, 2011, għalhekk kulma sar wara b'eżekuzzjoni tagħha ma jiswiex biex joħloq titolu eżekuttiv kontrih. It-tielet aggravju tiegħu huwa fis-sens li għalkemm fix-xhieda li ta quddiem l-ewwel Qorti seta' ma kienx f'qagħda li jagħraf bejn dokument u ieħor li dwarhom kien mistoqsi, madankollu, kien kategoriku li l-avviz ta' talba għall-ħlas ma kien qatt notifikat lilu qabel ma kopja tiegħu kienet notifikata flimkien mal-imsemmija ittra uffiċjali. Fir-raba' aggravju, l-appellant jgħid li ladarba n-notifika tal-avviż ma saritx bil-mezz ta' posta reġistrata, ma hemm l-ebda prova li wieħed jista' joqgħod fuqha li tali notifika saret tassew fid-dar fejn joqgħod, l-aktar meta wieħed jara li l-indirizz muri fuq l-istess avviż ma jsemmix l-isem tal-belt jew raħal fejn kellu jitwassal, imma biss il-kodiċi postali;

[1] Riferiment għall-Avviż Legali 173 tal-2012 (L.S. 517.01) u n-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 398 tat-30.3.2012 dwar Delega ta' Funzjonijiet (ara Dok "GG", f'paġġ. 123 – 4 tal-proċess)

10. Illi l-intimati appellati jwarrbu għal kollox l-imsemmija aggravji u jgħidu li dawn ma huma xejn ħlief skużi mġebbda biex bihom l-appellant jipprova jeħles milli jħallas it-taxxa li għandu jagħti;

11. Illi għal dak li jirrigwarda l-**ewwel aggravju** l-Qorti hija tal-fehma li ma huwiex mistħoqq. In-Notifikazzjoni tal-Gvern indikata mill-appellati kienet dehret fil-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern tat-30 ta' Marzu, 2012, u jiġifieri jumejn wara li l-appellant kien fetaħ il-kawża. B'daqshekk, il-liġi li kienet tirregola ċerti riferenzi għall-karigi fid-Dipartiment tat-Taxxa, kienet ilha li daħlet fis-seħħ mill-20 ta' Jannar ta' dik l-istess sena, jiġifieri akar minn xahrejn qabel ma nfetħet il-kawża. Ir-regolament 2 tal-imsemmija Regolamenti jagħmilha ċara min kellu jkun il-persuna li l-appellant messu ħarrek. Għalhekk, ladarba t-tismija tal-kariga "jitqies li huwa ekwivalenti u li għandu l-istess tifsira u effetti legali", ma jkun tal-ebda siwi li fil-kawża jitħarrku kemm il-Kummissarju u kif ukoll id-Direttur Ġenerali. Minbarra dan, in-Notifikazzjoni tal-Gvern tat-30 ta' Marzu, 2012, innifisha tixhed li ħarġet biex tissostitwixxi oħra (bin-numru 55) li kienet inħarġet ukoll fl-20 ta' Jannar, 2012, u li kienet titkellem dwar l-istess ħwejjeġ;

12. Illi għalhekk l-ewwel Qorti kellha raġun tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju appellat u teħilsu mill-ħarsien tal-ġudizzju, ladarba l-intimat l-ieħor appellat waħdu kellu l-leġittimazzjoni passiva fl-

azzjoni mnedija mill-appellant u waħdu kien biżżejjed bħala mħarrek biex il-ġudizzju jkun sħiħ;

13. Illi dwar it-**tieni aggravju** l-appellant itenni li, qabel ma waslitlu l-ittra uffiċjali tas-17 ta' Frar, 2012, huwa qatt qabel ma kien laqa' n-notifika ta' xi avviż ta' talba għall-ħlas. Fuq dan, jgħid li ż-żmien ta' preskrizzjoni ta' tmien (8) snin maħsub fl-artikolu 47(2) tal-Att tal-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa[2] kien laħaq għalaq qabel ma huwa laqa' n-notifika tal-imsemmija ittra uffiċjali. L-appellant jistrieħ fuq dak li jipprovdi l-artikolu 44(1)(b) tal-Kapitolu 372 li jagħti lill-persuna intaxxata żmien ta' tletin (30) jum min-notifika ta' avviż bħal dak biex jista' jikkontesta t-talba (jew li jħallas l-ammont mitlub), qabel ma d-Direttur Ġenerali appellat jista' jmexxi biex jeżegwixxi t-titolu li jinħalaq bis-saħħa ta' avviż hekk maħruġ. Minħabba f'hekk, l-appellant jgħid li l-ħruġ tal-ittra uffiċjali ma kienx jiswa u kulma sar bis-saħħa tagħha huwa mingħajr effett;

14. Illi għal dan l-aggravju l-appellati jgħidu li l-appellant qiegħed imieri l-apprezzament tal-provi li wettqet l-ewwel Qorti u jippretendi li issa din il-Qorti terġa' tistħarreġ dak l-apprezzament jew tagħmel apprezzament ieħor fuq l-istess provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti;

[2] Kap 372

15. Illi din il-Qorti tibda biex tirrileva li s-snin li dwarhom l-appellant intalab iħallas it-taxxa dovuta huma l-2003 u mill-2006 sal-2010. Mill-atti tal-kawża joħroġ li f'Diċembru tal-2008[3], l-appellant kien laqa' n-notifika ta' ittra uffiċjali mressqa mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni fit-3 ta' Diċembru ta' dik l-istess sena għall-ħlas tat-taxxa sewwasew dwar is-snin 2003, 2006, 2007 u 2008. Mehmuża ma' dak l-att ġudizzjarju kien hemm avviż tal-ħlas. Huwa minnu li l-ewwel Qorti qieset li dak l-att ġudizzjarju ma kienx biżżejjed biex juri li l-appellant kien, f'xi żmien qabel, laqa' n-notifika tal-avviż ta' talba għall-ħlas, imma dan ma jfissirx li l-imsemmija ittra uffiċjali ma kellha l-ebda effett[4]. Dan ifisser li t-talba għall-ħlas ta' taxxa għal dawk is-snin ma setgħetx waqgħet bil-preskrizzjoni, ladarba l-appellant laqa' n-notifika ta' dak l-att li waqqaf iż-żmien preskrittiv milli jibqa' għaddej[5];

16. Illi għal dak li jirrigwarda l-kwestjoni ta' jekk huwiex minnu jew le li l-appellant laqa' n-notifika tal-avviż tat-talba għall-ħlas ta' Diċembru 2011, il-Qorti qieset ir-raġunament magħmul mill-ewwel Qorti, fliet il-provi dokumentali u qieset x'tgħid il-liġi. Tqis bħala dgħajjef l-argument tal-appellant li ma setax ikun li dak l-avviż twassal id-dar tiegħu ladarba l-indirizz muri ma jsemmix ir-raħal jew il-post fejn kellu jitwassal. Huwa minnu li l-indirizz muri fl-avviż tal-ħlas tat-12 ta' Diċembru, 2011[6], ma

[3] Ara Dok "DGTI31" f'paġġ. 80 sa 91 tal-proċess
[4] Ara l-art. 2129 tal-Kap 16
[5] Art. 47(3) tal-Kap 372
[6] Ara Dok "DB1", f'paġ. 5 tal-proċess

jsemmi l-ebda belt jew raħal fejn kellha ssir in-notifika. Imma l-indirizz fih kemm isem l-appellant, kemm in-numru tal-Karta tal-Identità tiegħu, kemm in-numru tal-post u l-isem tat-triq u, fuq kollox, jinkludi kodiċi postali li ma jistax ikun jirreferi ħlief għall-Mellieħa, sewwasew l-indirizz eżatt fejn jgħix l-appellant u l-istess indirizz li huwa jindika bħala l-indirizz tiegħu fir-rikors li bih fetaħ din il-kawża;

17. Illi, kif qalet l-ewwel Qorti, huwa meqjus li ladarba nħareġ avviż ta' talba għall-ħlas b'dak it-tagħrif u ladarba l-liġi ma titlobx suriet oħrajn ta' kif għandha ssir in-notifika ta' avviż bħal dak[7], il-persuna intaxxata tkun laqgħet in-notifika tiegħu. Kien jaqa' fuq l-appellant li juri li dan ma ġarax, imma r-raġunijiet li huwa jsemmi u x-xhieda tiegħu biex imieri dan ma jistgħux jitqiesu tajbin biżżejjed biex iwaqqgħu dik il-preżunzjoni. Il-Qorti tifhem li mhijiex ħaġa ħaffa li wieħed jipprova fatt li (jgħid li) ma seħħx. Madankollu, ix-xhieda li l-appellant jagħti fl-affidavit[8] hija marbuta għal kollox man-nuqqas tat-tismija tar-raħal fejn kellha ssir in-notifika tal-avviż u minn hemm jislet l-argument li "dunque huwa ovvju li jien fil-fatt qatt ma ġejt validament notifikat fl-indirizz residenzjali tiegħi"[9]. Bit-tagħrif li kien hemm imniżżel fuq l-avviż kien aktar minn biżżejjed biex, bil-mezzi li bihom id-Dipartiment iwassal avviżi bħal dawk, dak l-avviż twassal fl-indirizz fejn joqgħod l-appellant u fl-ebda indirizz ieħor. L-appellant ma ressaq l-ebda prova oħra;

---

[7] Ara art. 29(1) tal-Kap 372
[8] Dok "DB2" f'paġ. 98 tal-proċess
[9] L-istess xhieda tenniha fil-kontro-eżami, f'paġ. 133 tal-proċess

18. Illi mill-bqija, din il-Qorti tapprezza l-fehma murija mill-ewwel Qorti u taċċetta l-konviċju tagħha bħala wieħed razzjonali u leġittimu fil-qafas taċ-ċirkostanzi kollha fattwali u ġuridiċi tal-każ, u bħalha ssib li l-appellant naqas li juri b'mod xieraq li ma kienx minnu li huwa ma laqax in-notifika tal-avviż tat-talba għall-ħlas f'Diċembru tal-2011;

19. Illi għal dak li jirrigwarda t-**tielet u r-raba' aggravji**, jgħoddu l-kunsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru dwar it-tieni aggravju. Din il-Qorti żżid tgħid biss li, mix-xhieda li tressqet (magħduda dik tal-appellant innifsu fil-kontro-eżami) it-talba għall-ħlas tirrigwarda taxxa li nħadmet fuq id-dikjarazzjonijiet tad-dħul ("*self assessment*") magħmula mill-appellant innifsu mhux b'riżultat ta' stejjem maħruġa mid-Direttur appellat. Minbarra dan, għal dak li jirrigwarda l-metodu maħsub mil-liġi għan-notifika ta' avviżi, l-ilment tal-appellant li n-notika jmissha saret b'posta reġistrata ma jreġix. Il-liġi taħseb f'modi speċifikati ta' notifika u d-Direttur appellat wera li dawk il-metodi kienu segwiti biex twassal l-avviż tat-talba għall-ħlas lill-appellant;

20. Għalhekk, il-Qorti ssib li l-aggravji mqajma mill-appellant ma jistħoqqilhomx jintlaqgħu;

***Decide***

21. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tiċħad l-istess appell** u tikkonferma għal kollox is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Jannar, 2014, fil-kawża fl-ismijiet premessi, bl-**ispejjeż** kontra l-attur appellant.

Joseph Azzopardi
Prim Imħallef

Joseph R. Micallef
Imħallef

Tonio Mallia
Imħallef

Deputat Reġistratur
gr